



*"Jekk ikollna sala tal-operazzjonijiet, jirnexxielna nsalvaw ħafna ommijiet u t-trabi tagħhom."*
**Swor Marija Goretti**





# MORRU U SEJĦU LIL KULL MIN ISSIBU għall-festa

**Swor Marija Goretti, flimkien mal-infermiera u l-kollegi l-oħra, jagħmlu li jistgħu biex itaffu t-tbatija ta' ommijiet bħal Hope, iżda huma jinsabu neqsin mill-iktar affarjiet bażiċi li wieħed jippretendi li jsib f'kull sptar fis-Seklu 21!**

**Hope u Faith issa jinsabu d-dar, u qed igawdu lil xulxin fl-imħabba u l-għożża tal-familja, iżda ħafna ommijiet oħra jinsabu fir-riskju u qed ibatu ħafna. Missio Malta jemmen li hemm mod aqwa kif dawn l-ommijiet jistgħu jgħixu t-tqala tagħhom u kif uliedhom ma jkunux fir-riskju.**

**Agħti l-għajnuna tiegħek lil Swor Marija Goretti u sħabha biex ikomplu jaħdmu fost l-iktar persuni vulnerabbli li jeħtieġu l-għajnuna bl-iktar mod urġenti!**

missio
Jien. Int. Aħna. **Flimkien.**
(VO/1178)

*Din is-sena, waqt il-Jum Missjunarju li se jiġi ċċelebrat nhar il-Ħadd 20 t'Ottubru, għin lil Missio Malta sabiex ikompli jgħin lil nies bħal Hope u eluf oħra, jkollhom ħajja aħjar.*

## Modi kif tista' tgħin

● Ċekk indirizzat lil **Missio Malta**
(7, Triq il-Merkanti, il-Belt Valletta VLT 1171.)
*Infakkrukom li ma jistgħux jintbagħtu ċekkijiet t'inqas minn €21.*

● Bank Transfer
*Klijenti ta' banek oħra jistgħu jagħmlu 'Bank Transfer' għal dawn il-kontijiet bankarji. Min jagħmel donazzjoni f'dan il-kont jibgħatilna nota dwar l-ammont u meta sar id-depożitu sabiex tintbagħat irċevuta.*

APS bank

Account holder name: **Missio Malta**
Bank's name: **APS BANK**
Account No: **41474120039**
IBAN: **MT94APSB77013000000041474120039**
Swift Code: **APSBMTMT**

BOV
Bank of Valletta

Account holder name: **Missio Malta**
Bank's name: **Bank of Valletta**
Account No: **50011468005**
IBAN: **MT31VALL22013000000050011468005**
Swift Code: **VALLMTMT**

● Jew għal donazzjonijiet 'direct debit' ċempel: **2123 6962**.

BOV mobile

● Donazzjoni bil-BOV Mobile **77236962**

PayPal

Parti min-netwerk globali tal-Opri Missjunarji Pontifiċji



**MORRU U SEJĦU**
**LIL KULL MIN ISSIBU**
*għall-festa*

Din hija l-istedina li qed jagħmlilna l-Qdusija Tiegħu l-Papa Franġisku, li permezz tal-pass tal-Vanġelu qed iħeġġiġna noħorġu u nieħdu sehem attiv fil-missjoni tal-Knisja, u nistiednu lil kulħadd għall-ikla tal-Mulej.

Papa Franġisku għandu ħafna għal qalbu l-ħidma tal-missjonijiet, hekk kif stqarr iktar minn darba li aħna lkoll mgħajta li nkunu missjunarji. Kull Nisrani huwa missjunarju! Għalhekk din is-sena, fl-okkażjoni tal-Jum Dinji Missjunarju, li se jiġi ċċelebrat nhar il-Ħadd 20 t'Ottubru, ħu sehem inti wkoll u għin lil Missio Malta jkompli jwettaq il-ħidma tiegħu fil-pajjiżi l-aktar li għandhom bżonn fl-Afrika, fl-Asja u fl-Amerika t'Isfel.

● Permezz ta' linja tat-telefon:

| |
|---|
| 5180 2026 - €25 |
| 5190 2051 - €50 |
| 5130 2034 - €100 |

● Permezz ta' SMS:

| |
|---|
| 5061 9247 - €11.65 |

Skenja għall-websajt

missio
Jien. Int. Aħna. Flimkien.
(VO/1178)


**Missio - [Uffiċċju Missjunarju],**
Nru. 7, Triq il-Merkanti, il-Belt Valletta VLT 1171.
Ħinijiet: mit-Tnejn sal-Ġimgħa: 9.00am - 1.00pm

Missio: Nru. 150, Triq Lorenzo Gafà, il-Mosta MST 4128.
Ħinijiet: mit-Tnejn sal-Ġimgħa: 8.00am - 4.00pm
Tel: 2123 6962 • Fax: 21231272
Imejl: info@missio.org.mt • Websajt: www.missio.org.mt

Uffiċċju Missjunarju, Nru. 7, Triq l-Imgħallem, ir-Rabat, Għawdex VCT 9066.
Tel: 2155 0267 • Imejl: gozo@missio.org.mt
Ħinijiet: mit-Tnejn sal-Ġimgħa: 8.30am - 12.00pm





Hope li għandha 20 sena għadu kif kellha l-ewwel wild. Hija tat lid-dinja tarbija li semmgħietha Faith. Għal Hope, ma kien ujaġġ faċli xejn u mnalla kien Missio Malta li permezz tal-għajnuna li jipprovdi lill-isptar ta' Swor Marija Goretti, Hope seta' jkollha l-kura medika meħtieġa biex taffiet xi ftit mit-tbatija tat-tqala kumplikata li kellha.

Bl-għajnuna tiegħek, Missio Malta jista' jkompli jagħmel id-differenza fil-ħajjiet ta' ħafna persuni.

missio
Jien. Int. Aħna. Flimkien.
(VO/1178)